

Titlu: L-impatt tal-Covid-19 fuq il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja f'Materji Kriminali – Analiżi tal-Każijiet tal-Eurojust

Data: 14 ta' April 2021

URL: <https://www.eurojust.europa.eu/impact-covid-19-judicial-cooperation-criminal-matters>

Mill-istadji bikrin tal-pandemija tal-marda tal-coronavirus (COVID-19), il-każijiet tal-Eurojust urew li l-prattikanti fl-Istati Membri kienu qed jiffaċċjaw diversi diffikultajiet fit-trattament ta' każijiet li jnvolvu l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali. Dawn il-kwistjonijiet kienu riperkussjonijiet tal-miżuri implimentati mill-Istati Membri biex jiġġieldu t-tixrid tal-COVID-19 u affettwaw l-istrumenti kollha applikati b'mod komuni fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja. Barra minn hekk, il-bidliet soċjali mingħajr preċedent ikkawżati mill-pandemija ħolqu opportunitajiet ġodda għall-gruppi tal-kriminalità organizzata biex jiksbu profitt illeċitu.

L-għan ta' dan ir-rapport huwa li jidentifika d-diffikultajiet speċifiċi fl-applikazzjoni tal-aktar strumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja komuni li rriżultaw mill-pandemija. Barra minn hekk, jidentifika l-aktar reati kriminali li jitwettqu ta' spiss li kienu direttament marbuta mal-pandemija. Ir-rapport jiddeskrivi wkoll ir-rwol tal-Eurojust fir-rigward ta' dawn il-kwistjonijiet u jipprovdi sommarji tal-aħjar prattiki. Dan l-għarfien se jkun ta' benefiċċju għall-prattikanti u għal dawk li jfasslu l-politika f'każ li jerġgħu jiġu applikati miżuri straordinarji.

Dan ir-rapport jikkomplimenta l-Kompilazzjoni Konġunta tal-Eurojust man-NĠE dwar l-impatt tal-COVID-19 fuq il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ⁽¹⁾. Filwaqt li din il-kompilazzjoni tiffoka fuq il-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jiġġieldu t-tixrid tal-virus u l-impatt tagħhom fuq il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'termini ġenerali, ir-rapport huwa bbażat fuq l-analiżi ta' każijiet speċifiċi rreġistrati fil-Eurojust matul il-perijodu minn April 2020 sat-30 ta' Ġunju 2020.

Il-konklużjonijiet ewlenin li jirriżultaw minn din l-analiżi jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej.

1. Il-mekkaniżmu tal-Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE) baqa' jaħdem, għalkemm miżuri pandemiċi bħall-għeluq tal-fruntieri u l-kwarantina obbligatorja, kif ukoll nuqqas ta' persunal tal-pulizija, affettwaw b'mod sinifikanti l-istadju finali tal-proċedimenti tal-MAE: iċ-ċediment fiżiku tal-persuna rikjesta. Ir-regoli legali rilevanti stipulati fl-Artikolu 23 tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew (FWD tal-MAE) ⁽²⁾ ġew applikati meta kien meħtieġ il-posponiment taċ-ċediment. L-awtoritajiet ta' eżekuzzjoni fittxew l-assistenza tal-Eurojust fit-talbiet tagħhom għal informazzjoni supplimentari (skont l-Artikolu 15(2) tal-FWD tal-MAE) aktar ta' spiss mis-soltu. It-trażmissjoni tat-talbiet rilevanti (fil-kuntest kemm tal-Artikolu 23 kif ukoll tal-Artikolu 15(2)) permezz tal-Eurojust ippermettiet lill-prattikanti jirċievu tweġibiet f'waqthom u jimxu 'l quddiem bil-

⁽¹⁾ Dokument tal-Kunsill WK 587/2021; is-sommarju eżekuttiv huwa disponibbli online (<https://www.eurojust.europa.eu/sites/default/files/2021-02/st06178.en21.pdf>).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-Mandat ta' Arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/ĠAI).

proċedimenti tal-MAE. B'mod partikolari fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 23, l-involvement bikri tal-Eurojust iffaċilita ftehim rapidu dwar data ġdida ta' ċediment.

2. L-Istati Membri komplew jeżegwixxu strumenti relatati mal-iskambju ta' evidenza u jimplimentaw miżuri investigattivi. Madankollu, f'xi każijiet l-awtoritajiet taw prijorià u eżegwew it-talbiet biss f'każijiet straordinarji u f'każijiet ta' reati serji. Dan wassal għal dewmien fl-eżekuzzjoni ta' Ordnijiet ta' Investigazzjoni Ewropej u talbiet għal assistenza legali reċiproka, b'mod partikolari f'każijiet fejn kienet meħtieġa l-preżenza fiżika ta' persuna (seduti ta' smiġħ ta' xhieda jew suspettati).
3. Fl-istadji inizjali tal-pandemija, il-Eurojust ġiet ikkuntattjata ta' spiss minn prattikanti b'talbiet għat-trażmissjoni ta' Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea ⁽³⁾, talba għal assistenza legali reċiproka u/jew ordni ta' ffriżar ⁽⁴⁾. It-trażmissjoni ta' dawn it-talbiet permezz tal-Eurojust tqieset bħala metodu affidabbli li ppermetta feedback istantanju dwar il-konsenja u aġġornamenti possibbli aktar tard dwar l-eżekuzzjoni. Din iż-żieda fit-talbiet imressqa permezz tal-Eurojust irriżultat parzjalment mit-terminazzjoni tas-servizzi standard tal-posta u tal-kurriera fl-Istati Membri.
4. Is-sitwazzjoni tappella għall-istabbiliment ta' pjattaforma elettronika unika għall-iskambju tal-ġhodod l-aktar użati ta' kooperazzjoni ġudizzjarja li ma tiddependix fuq it-trażmissjoni ta' kopji stampati. Dan jorbot mat-tnejjiet għall-implimentazzjoni tas-Sistema ta' Skambju Diġitali ta' e-Evidenza (e-EDES) bħala parti mill-proġett tal-Ġustizzja Kriminali Diġitali mniedi mill-Kummissjoni Ewropea.
5. L-attivitajiet tal-iskwadri ta' investigazzjoni konġunta (SIK) intlaqtu ħafna mil-limitazzjonijiet tal-ivvjaġġar. F'għadd ta' każijiet, il-jiem ta' azzjoni konġunta ppjanati ġew posposti. In-negozjati dwar SIK ġodda ddewmu u s-SIK ġew imwaqqfa aktar tard. B'kont meħud tal-bidla f'daqqa fiċ-ċirkostanzi għall-kooperazzjoni tas-SIK, il-Eurojust emendat il-programm ta' finanzjament tas-SIK tagħha u pprovdiet lill-membri tas-SIK bi pjattaforma ta' komunikazzjoni sigura biex il-laqgħat tagħhom isiru online.
6. Il-pandemija kienet opportunità għall-gruppi tal-kriminalità organizzata, li ħadu vantaġġ mid-domanda għal punti speċifiċi marbuta ma' regoli ġodda dwar l-iġjene u frodi mwettqa relatati ma' sussidji tal-istat.
7. Il-Eurojust baqgħet kompletament operazzjonali minkejja r-restrizzjonijiet applikati matul il-pandemija u kienet qed tipprovi b'mod attiv is-servizzi standard tagħha lill-prattikanti madwar l-UE kollha.

⁽³⁾ Skont id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali.

⁽⁴⁾ L-istrument applikat kien id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2003/577/ĠAI tat-22 ta' Lulju 2003 dwar it-tweġiq fl-Unjoni Ewropea tal-mandati li jiffriżaw xi proprjetà jew xi evidenza.

Spjegazzjoni dettaljata ta' dawn il-konklużjonijiet, inklużi eżempji speċifiċi relatati mal-każijiet tal-Eurojust u l-aħjar prattiki għall-prattikanti, tista' tinstab f'dan ir-rapport.